

# Il-Mosta : Tradizzjoni u Tibdil

*Is-Sur Philip Borg*
*President Onorarju tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti u tal-Ven. Soċjetà D. Filippu Borg*

Għext il-Mosta għal madwar erbatax-il sena u biċċa minn qalbi hemm għadha. Kont ili midħla tal-Mostin sa mis-snin sebgħin. Karattri li dejjem ġibduni u raħal li dejjem saħħarni. Maż-żmien kien fost l-aktar irħula li kibru u nfirxu mgħaġġel fl-aħħar tletin sena biex illum kiber għat-tieni l-akbar wara Birkirkara. Il-Mosta għoġbot lil eluf oħrajn bħali li ġew joqogħdu fiha minn irħula oħrajn. Aktarx li bla ma naf kienu ħsus fil-qalb għax nannti Rożina minn tal-Lavarol kienet Mostija. U bla ma qatt ftehmna jew ħsibniha ġew ukoll tnejn minn ħuti u xi erba' kuġini.

**Il-Mosta u l-Mostin**

Meta tkun emigrant - anki f'raħal fuq gżira hekk żgħira bħal tagħna - mhux dejjem issibha ħafifa titħallat u tassimila d-drawwiet u l-gosti tan-nies ta' dak ir-raħal. Fil-Mosta, bil-maqlub, issib ruħek milqugħ. Anzi, mixtieq, jekk mhux ukoll imbuttat biex tersaq 'il quddiem u titħallat f'kull qasam tal-ħajja tar-raħal. Aktar u aktar jekk fik ikollok nitfa ħajra li timpenja ruħek soċjalment... u mhux biss saħħa u bonġu!

Hekk kont ħassejt meta mort noqgħod il-Mosta. Sibt ruħi mdeffes f'firxa ġmielha ta' attivitajiet. Minn dawk ċiviċi u politiċi għal dawk kulturali. Għalkemm ħafna kienu jew saru jafuni impenjat fil-politika – kont fost l-ewwel kunsillieri tal-post, f'kumitat politiku u kandidat fl-elezzjoni ġenerali – nippreferi naħseb u nikteb fuq ix-xejriet kulturali fost il-Mostin. Inqis li għandhom tabilħaqq biex jiftaħru bil-patrimonju artistiku u ta' snajja' li wirtu, imma daqstant ieħor għandhom il-piż tad-dmir li jgħożżuh u jħarsuh.

Li ma tkunx imwieled hemm u tagħti daqqa t'id hija ħaġa tajba. Jekk tingħata spazju biex tgħin, għala għandek tiċħdu? Imma li tiżżattat u tipprova timpressjona kemm taf u timponi huwa żball. Għax ħadd daqs il-werrieta proprji ma jafu xi jfisser u xi jsarraf dak il-patrimonju. Ħadd daqshom ma jifhem is-snajja' ta' ommijiethom u missirijiethom, wisq iktar jekk trabbew bil-ħobża jew ħbejża li temgħuhom dawk li għexu b'dawk is-snajja' fl-imgħoddi, forsi mhux wisq imbiegħed.

**Il-werrieta**

M'hemmx agħar milli tiżżattat biex tbiddel id-drawwiet tal-oħrajn – minn fuq li laqgħuk fosthom! Tassew li fl-aħħar mill-aħħar ebda wieħed mill-irħula tagħna m'hu maqtugħ għalih b'xi fruntieri... imbagħad, fi gżira hekk ċkejkna! Iżda xorta nemmen li min bħali kien mar joqgħod hemm, milqugħ kemm hu milqugħ, stmat kemm hu stmat, m'għandu qatt jippossessa ruħu minn wirt li mhux tiegħu. Jiswa li jinteressa ruħu, jitgħallem dwaru, jesponih, jgħożżu u jmidd idejh mal-bqija biex iħarsu u jmexxih 'il quddiem. Dak hu l-aħjar sehem li jista' jagħti.

Ix-xorti riedet li f'żogħżiti għext għal żmien twil fi bliet kbar barranin miżgħudin b'opri kbar ta' arti u storja. Ruma waħda minnhom, li hi weħidha ġenna ta' storja u kultura. L-anfiteatri, il-bażiliċi patrijarkali, il-mużewijiet, l-universitajiet, l-istess toroq u l-bini storiku li jimlihom huma fuq nett tal-patrimonju universali. L-istess nista' ngħid għal Firenze, Spoleto, Assisi u Perugia. Għadni nissaħħar meta mqar niftakar li għext fihom! Bla ma ninsa l-arti u l-istorja kbira li fihom rabbietni

Birkirkara u dan kollu għenni naddatta ruħi u napprezza l-wirt għani fil-ħajja Mostija.

**Wirt u preġju**

Fil-Mosta hemm wirt ta' kultura li fih is-seħer u l-preġju tiegħu. Fil-Mosta, l-arti u l-istorja mhumiex esklussivament miġburin fil-ħitan żonqrin tar-Rotunda maestuża. Hemm bixriet oħra mxerrdin madwar ir-raħal li llum kiber fid-daqs ta' belt. Iżda jkun għajb li f'din l-espansjoni demografika jew residenzjali jintradmu u jintilfu tant tifkiriet li jixhdu l-ġenju ta' dari!

Saħansitra l-ilsien li bih tkellmu dejjem il-Mostin, bl-aċċent tagħhom, bid-djalett Mosti – dak ukoll huwa biċċa ħajja mill-wirt Mosti. Hawn ukoll jidħol il-kunċett li dwaru bdejt nikteb: ħadd minna li mmorru ngħixu f'raħal ieħor m'għandna l-jedd nimponu fuq in-nies ta' dak ir-raħal. Fl-aħħar mill-aħħar, bid-djalett Mosti u mhux, xorta nistgħu niftehmu – aħna lkoll Maltin! La ġejna għal dan, l-agħar meta l-Malti nbiċċruh b'ħafna tilqit ta' kliem barrani meta għandna tagħna! Ngħid għalija ninsteħet meta Mostin infushom jibdlu kliemhom meta jiġu biex jitkellmu mal-ġar jew ġara għax ġew minn barra r-raħal!

Il-kultura fil-Mosta tintrabat mal-bosta talenti li bihom huma mżejnin il-Mostin. Hemm tradizzjoni kbira marbuta mal-palk. Għadek sal-lum issib ħafna jsemmu l-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù li kien il-benniena tat-tagħlim u taħriġ għal ġenerazzjonijiet sħaħ... sa ma sab min għalqu u ħallih biss għall-ftit. Fost il-Mostin hemm talenti sbieħ fil-pittura, skultura, letteratura u fotografija. Ilkoll oqsma li fihom ibbrillaw bosta Mostin. Xhieda ta' dan huma l-bosta wirjiet li jsiru madwar il-Mosta, partikolarment il-ħafna mtellgħin mill-Għaqda Filantropika Talent Mosti. Din għaqda isimha magħha, imma li firxet il-ħidma tagħha 'l hemm mill-Mosta – kemm biex ġibdet lejn ir-raħal talenti minn bnadi oħrajn kif ukoll biex esponiet il-ħila tal-Mostin lill-pajjiż kollu u lil hinn minnu wkoll.

**Talent popolari**

Kburi li sirt midħla ta' din l-Għaqda. Għadni niftakar lill-president tagħha, Joe Bartolo, iħammem u jhewden u jredden kif ir-Razzett tal-Markiż, binja qadima, tipika ta' żmienha iżda mitluqa jew magħluqa, se tgħaddi f'idejn l-Għaqda. Irnexxielu fl-1998 u minn dakinhar hu u sħabu kkonvertew il-post f'benniena tassew fertili u dejjem lesta trawwem u tkabbar talenti fl-oqsma kollha tal-arti. Insemmi din l-Għaqda għax hi kienet il-pijuniera li żanżnet il-vetrina kulturali fil-Mosta mal-erba' u tletin sena ilu.

Insemmi ż-żewġ baned Mostin li tul is-snin qdew funzjoni siewja fl-arti mużikali. Il-Mosta wkoll imżejna – bħal irħula oħra, b'aktar minn banda waħda, il-banda Nicolò Isouard u l-banda Santa Marija. Hawn min iqis dan bħala ħjiel jew togħma ta' rivalità. Mhux daqstant, żgur li mhux daqskemm tinħass f'irħula iktar antiki. Jien ixxurtjat li għandi ħbieb mit-tnejn, l-iktar il-Mosti Frans Deguara li nħossni grat lejh għax mill-bidunett ġibidni biex napprezza l-kultura u d-drawwiet Mostin.

**Il-Baned**

L-eluf li jmorru jgħixu l-Mosta jifhmu kif iż-żewġ baned għandhom sehem x'joffru lill-komunità u funzjoni x'jaqdu fir-raħal. Mhux biss fil-festa tal-Assunta u fil-purċissjoni tal-Passjoni – żewġ avvenimenti ewlenin fl-ambjent Mosti. Fihom it-tnejn insibu vetrina miftuħa tal-ħiliet u snajja' tal-Mostin. Hemm l-għaqdiet tan-nar, bħal dik tal-15 t'Awwissu, li wkoll fakkret fuq tletin sena ta' ħidma.

Il-familji jikbru u l-ulied jitħalltu, imorru fl-istess skejjel, jiltaqgħu fl-istess għaqdiet u jfittxu l-istess imkejjen għad-divertiment. Tassew li ħabba f'hekk, drawwiet qodma jew endemiċi tal-Mosta – bħad-djalett – jintesew jew jibirdu, imma tikber l-integrazzjoni ta' min mar jgħix hemm mal-bqija tan-nies tal-post.

Dan jgħodd għal kull raħal ieħor fejn kien hemm lok ta' tkabbir bil-miġja ta' aktar residenti minn irħula oħra. Jinħass żgur f'żoni kbar bħal Birkirkara, Ħaż-Żebbuġ, Ħal-Qormi, ir-Rabat, il-Mellieħa, Ħaż-Żabbar, is-Siġġiewi, iż-Żejtun, iż-Żurrieq u rħula qodma oħra. F'temp ta' għoxrin sena, per eżempju, il-Mosta kibret biex saret it-tieni l-iktar post popolat wara Birkirkara.

**Id f'id**

Intenni dak li bdejt bih: huwa tajjeb li ssib Mostin u m'humiex jaħdmu id f'id f'dawn l-ambjenti kollha impenjati f'xi qasam jew ieħor tal-ħajja. Imma jkun għajb jekk il-Mostin infushom – werrieta diretti ta' nisilhom bil-għana kollu tiegħu, jabdikaw dmirhom u jafdawh b'għajnejhom magħluqin f'idejn min hu sajjem jew profan jew żatat – proprju għax m'hemmx fih id-demm tan-nisel li japprezza l-wirt ta' nislu!

Ikolli nistqarr li fil-Mosta rajt komunità tinbena qajla qajla fejn hemm spazju għal kulħadd. Raħal tal-biedja u snajja' kbar li kiber għal ċentru kummerċjali u turistiku. Ċentru residenzjali kbir li sal-lum għadu jgawdi l-ġmiel tal-ambjent naturali madwaru. Fil-ħidma kollha fil-Mosta – kunsill, parroċċa, għaqdiet sportivi, kulturali, tal-baned, tan-nar u x'naf jien – hemm wisgħa għal kulmin irid imidd idejh – Mosti u mhux. Bħalma sabu bosta bħali sakemm bqajt ngħix hemm. Ta' dan inrodd ħajr lill-Mostin li laqgħuni u li tawni spazju biex ngħin u saħansitra tellgħuni fl-ewwel Kunsill fl-1994.

Ikun għajb jekk dawn l-għaqdiet kollha jibdew jitmexxew minn min ma jafx għajr japprezza lilu nnifsu u jifga lil min irid jagħti sehem mill-qalb. Ħasra jekk ikun hemm min jintefaħ bit-titli u jħalli l-għaqda ssir qisha kastell magħluq biex jibqa' jiddomina waħdu! Nies bħal dawn iħassru u jmarrdu s-sens ta' komunità.

Kemm hu sabiħ li f'komunità mħallta u mħawwra bħal dik fil-Mosta, ir-residenti kollha jibqgħu jitgħallmu jaħdmu b'mod li lkoll jagħtu li jafu - mhux kemm jafu! Ebda wieħed jew waħda minna m'għandu jħalli l-kilba għall-protagoniżmu fl-istint uman ittappan jew tnessi l-wirt intrinsiku tal-poplu kollu. Il-wirt pubbliku jew popolari jibqa' sultan. Aħna lkoll ammiraturi, użufruttwarji u difensuri tiegħu. Jekk irridu nkunu protagonisti wkoll, għandna d-dmir li nibnu mhux inħottu u naħdmu id f'id mal-oħrajn kollha. U bi dmir akbar li dak il-wirt ngħadduh lil ta' warajna isbaħ milli sibnih!


PAUL VELLA
TAL-QATRAN LTD.
Tel: 2124 3105 - 2126 6826
Mob: 9949 3295

KARAMELLU
Pet & Garden
Importers of Pets Accessories, Birds, Fish, Reptiles, Plants
FERPLAST - ZOLUX - TATRAPET
Tropical Water Fish, Pet Food, Treats, Bedding, Toys, Cages, Aquariums & Vivariums
Indoor Plants & Garden Accessories Flowers & Flower Arrangement
FLORIST AND GROOMING SERVICE AVAILABLE
e-mail: info@karamellu.com
www.karamellu.com
89,Constitution Str., Mosta
Tel: 21455865
Karamellu Petshop